**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' Settembru 2024**

**Kumpilazzjoni Nru. 737/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Twanny Grima**
**Karta tal-Identita' bin-numru 237077M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Twanny Grima** li ġie akkużat talli bejn is-Sibt 14 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tat-tmienja ta' flgħaxija (20:00HRS) u l-Ħadd 15 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30HRS) u/jew ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Sharon Axiaq li tiġi omm bintu u lil Nicole Axiaq biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti, aħwa subien jew bniet bl-aggravju billi d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-

familja, persuna li tgħix mal-vittmi jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħhatwettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

2. U aktar talli nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tat-tmienja ta' flgħaxija (20:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Sharon Axiaq biex tagħmel jew tonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex jimmalafama lil Sharon Axiaq jew xi persuni oħra  u għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

3. U aktar talli nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30HRS)  u/ew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara ġewwa r-residenza fond 104, Triq San Ġużepp, Ħal Luqa u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Nicole Axiaq f'periklu ċar, voluntarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża fuq Nicole Axiaq billi ikkaġunalha ġrieħi ħfief hekk kif ġiet iċċertifikatha mit-tabiba Dr Med Mark Borġ M.D, bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 4378 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid, bl-aggravju minħabba li d-delitt sar fuq Nicole Grima li kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat;

4. U aktar talli nhar is-Sibt 14 ta' Settembru 2024 għall-ħabta tat-tmienja ta' flgħaxija (20:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan għaml inġurji jew theddid lil Sharon Axiaq liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjon u d-difiża illi l-piena idonea tkun waħda mhux karċerarja. Pero` hemm bżonn ukoll illi l-imputat jiġi segwit b'Ordni ta' Trattament minħabba abbuż ta' alkoħol.

Illi l-Qorti wara li ħadet dan kollu in konsiderazzjoni hija disposta li tagħti lill-imputat ċans biex itejjeb ħajtu, jekk huwa jrid. Għalhekk se tkun qiegħda tpoġġih taħt Ordni ta' Probation biex jiġi segwit u ggwidat sabiex jegħleb l-ostakoli li kien qiegħed jiffaċċja. Madanakollu l-Qorti tosserva illi l-imputat diġa' serva diversi sentenzi ta' priġunerija effettiva u għalhekk irid jifhem li din tista' tkun l-aħħar opportunita` biex ibiddel ir-rotta ta' ħajtu u ma tittiħidlux il-liberta` personali tiegħu.

Illi fir-rigward tat-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin, l-istess Ordni se tkun qed tinħareġ biss sabiex tiġi kawtelata Nicole Axiaq stante li Sharon Axiaq iddikjarat li ma hemmx għalfejn tinħareġ Ordni ta' Trazzin sabiex tiġi kawtelata stante li hija kienet lesta li l-imputat jerġa' jmur jirrisjedi magħha bil-kundizzjoni li jsegwi programm kontra l-vizzju tal-alkohol.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 202 (h), 251A (1) (a), 251A (4), 251B (1), 251B (2), 251H, 251HA u 339 (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Twanny Grima** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti qiegħda wkoll tpoġġi lill-imputat taħt **Ordni ta' Trattament** ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minnha.

Fl-aħħarnett, ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qiegħda toħroġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-ħati sabiex tiġi kawtelata Nicole Axiaq u dana bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jiffurmaw parti ntegrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**